MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Numru 9/2000

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**Vs**
**Francis Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 9 tas-sena 2000, kontra l-akkuzat Francis Buhagiar, li bih huwa gie akkuzat talli :

1. Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubbblika ppremetta fl-Ewwel Kap illi kien ilu zmien twil jghix ma ohtu Maria, ta' sitta w sebghin sena, gewwa l-fond 373, Main Street, Mosta. Ghal snin twal kellhom relazzjoni tajba hafna, u Maria Buhagiar kienet tiehu hsieb bl-ahjar mod ta' huha Francis.
Gara, izda, li f'xi zmien lejn l-ahhar tas-sena elf disa mija tmienja w disghin (1998) u l-bidu tas-sena elf disa mija disa w disghin (1999), dik ir-relazzjoni ta' bejniethom ma baqghetx izjed wahda familjari, tant li ta' spiss kienu jinqalghu argumenti bejniethom fuq l-iktar affarijiet banali.

Francis Buhagiar beda’ jiffissa li ohtu Maria bdiet tittraskurah u li xi hadd beda jimlilha rasha kontrih.
Argumenti bhal dawn ma kienux nieqsa sa nhar it-Tlieta, sittax ta’ Frar, 1999. Dak in-nhar Francis Buhagiar kien qam f’ xi s-sitta ta’ filghodu. Mill-ewwel inqalghu argumenti bejnu w ohtu fuq il-mod kif dina kienet xwiet il-hobz u fuq xi jersey li kellha tirrangalu. Tlewmu w sahansitra skambjaw xi tghajjir bejniethom. Dawn l-argumenti komplew sa’ xi s-seba w kwart ta’ filghodu.

Kien f’dan il-waqt li, f’sahna ta’ demm, Francis Buhagiar gab pistola li kellu mohbija taht xkora fuq tank go kamra fil-bitha, tefa’ l-magazine go fih, rega’ mar hdejn fejn kienet ohtu, ippuntaha lejha w spara tir li laqatha f’ghonqa. Hija waqghet mal-art u mietet minnufih. F’dan il-hin Francis Buhagiar kompla jinfixel u rema l-pistola fil-bir li kellu appena tidhol id-dar tieghu.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Francis Buhagiar sar hati ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt; b’dan, li d-delitt sar minnu filwaqt li kien taht l-influwenza mmedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista’ jqis l-eghmil tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Francis Buhagiar, hati ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt; b’dan, li d-delitt sar minnu filwaqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista’ jqis l-eghmil tieghu.
Ghalhekk l-Avukat Generali talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux aktar minn ghoxrin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(2), 227 (c) , 228(2), 596 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat;

2. u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta’ l-Akkuza, l-Avukat Generali jppremetta illi meta gewwa l-fond 373, Main Street, Mosta, nhar is-16 ta’ Frar, 1999, Francis Buhagiar, f’sahna ta’ demm, ifforma l-intenzjoni specifika li joqtol lill-ohtu Maria Buhagiar, huwa, ghax hekk gieh f’mohhu dak il-hin, minnufih mar u gab pistola w kien propju b’din l-arma li sekondi wara spara fuq l-istess ohtu w qatilha.
Illi b’eghmilu l-imsemmi Francis Buhagiar, sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Francis Buhagiar, hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu.
Ghalhekk l-Avukat Generali talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat;

3. u wara li fit-Tielet Kap tal-Att ta’ l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi f’xi zmien matul is-sena elf disa mija erba w disghin (1994) Francis Buhagiar kien sab mitluq fil-Wied tal-Isperanza, il-Mosta, pistola semi-awtomatika tal-ghamla JP Sauer and Suhl, bin-numru tas-serje 206915, kalibru 7.65 mm. Huwa gabaraha w zammha fil-pussess tieghu. Ukoll, huwa qatt ma ta avviz minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija, kif kien obbligat li jaghmel skond il-ligi, sabiex dana jordna jekk din l-arma tan-nar ghandhiex tinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejh.
Xi zmien wara, Francis Buhagiar kien xtara mill-idejn xi balal ghal dik l-istess pistola. Fil-fatt xtara madwar

hamsin wahda ghall-prezz ta’ ghoxrin lira Maltin. Ghal darb’ohra, huwa qatt ma ta avviz minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija, kif kien obbligat li jaghmel skond il-ligi, sabiex dana jordna jekk dik il-munizzjoni ghandhiex tinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejh.
Naturalment, Francis Buhagiar gie li baqa’ fil-pussess ta’ arma tan-nar u minizzjon minghajr il-licenzja mehtiega min-naha tal-Kummissarju tal-Pulzija. Dan il-pussess illegali baqa’ sa’ dak in-nhar li huwa kkommetta l-omicidju volontarju ta’ ohtu Maria, u cioe’ sas-16 ta’ Frar, 1999.
Illi b’eghmilu, l-imsemmi Francis Buhagiar sar hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond arma tan-nar jew munizzjoni, ghalkemm l-Avukat Generali huwa tal-fehma li dawn ma kienux qed jinzammu sabiex isir bejgh jew traffikar iehor kontra l-ligi b’dik l-arma tan-nar jew munizzjon.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Francis Buhagiar, hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond arma tan-nar jew munizzjon.
Ghalhekk l-Avukat Generali talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal multa ta’ mhux inqas minn tletin Lira Maltija jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3 (1), 19 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4. u wara li fir-Raba’ Kap tal-Att ta’ l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi dejjem ghar-rigward l-arma tan-nar u munizzjon imsemmija fit-tielet kap precedenti, Francis Buhagiar, fis-16 ta’ Frar, 1999, u fil-jiem ta’ qabel, kien fil-pussess u kontroll xjenti taghhom.
Illi l-importazzjoni tal-istess arma tan-nar u munizzjon hija projbita u/jew ristretta skond il-ligi. Illi fid-data partikolari hawn imsemmija, kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, taxxa ammontanti ghal tlettax-il Lira w wiehed u erbghin centezmu (LM13.41) fuq valur totali ta”tmenin Lira w sitta w disghin centezmu (LM80.96), liema taxxa ma giet qatt imhallsa u/jew kawtelata mill-imsemmi Francis Buhagiar.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Francis Buhagiar sar hati talli xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu oggetti (armi tan-nar u munizzjon) li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta w li fuqhom kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Francis Buhagiar hati talli xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu armi tan-nar u munizzjon li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.
Ghalhekk l-Avukat Generali talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghall-hlas ta' multa ekwivalenti ghal total shih ta' taxxa li jkollha tithallas fuq l-oggetti u daqs darbtejn il-valur tal-oggetti, jew multa ta' hamsa w ghoxrin lira, skond liema tkun l-akbar, jew ghal prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew ghal dawk il-multi w prigunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 80 u 81 tal-Att XXIII tal-1998, u fl-artikoli 17 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

5. u wara li fil-Hames Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi fil-Mosta fis-16 ta' Frar, 1999, u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, Francis Buhagiar kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu pistola semi-awtomatika tal-ghamla JP Sauer and Suhl, bin-numru tas-serje 206915, kalibru 7.65 mm/.32 auto, manifatturata fil-Germanja, li kien sab mitluqa fil-Wied tal-Isperanza. Sussegwentement, huwa kien xtara mill-idejn mija w ghoxrin balla ghall-istess pistola. Dik l-arma tan-nar bil-munizzjon rispettiv, ghandhom l-importazzjoni taghhom projbita u/jew ristretta, u fuqhom id-dazju ma kienx gie imhallas u/jew kawtelat minn hadd.

L-imsemmija oggetti kellhom il-valur totali ta' LM80.96, u d-dazju fuqhom kien fit-total ta' sitt liri w hamsa w sittin centezmu (LM6.65), dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Francis Buhagiar sar hati talli xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu oggetti (armi tan-nar u munizzjon) li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellu jithallas id-dazju, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Francis Buhagiar, hati talli xjentement laqa' ghandu, zamm, jew heba, jew xjetement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oggetti li jkunu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta' depozt tal-Gvern, jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn ikunu gew iddepozitati.
Ghalhekk l-Avukat Generali talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghall-hlas ta' multa li tkun daqs it-total meta jinghaddu flimkien l-ammont tad-dazju li jkollu jithallas fuq l-oggetti w d-doppju tal-valur tal-oggetti, jew multa ta' hamsa w ghoxrin lira, skond liema minnhom tkun l-akbar, jew ghal prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew dik il-piena w prigunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 62(f), 60(a)(b)(c)(k), 77 u 87 tal-Kapitolu 27 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat in Nota tal-Akkuzat tat-30 t' Ottubru, 2003 li biha nforma lil din il-Qorti li behsiebu jammeti l-
akkuzi dedotti kontra tieghu fil-guri .

Rat illi waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru, 2003, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it- twegiba w tatu

ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta , l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Tiddikjara ghalhekk lill-Francis Buhagiar hati talli fis-16 ta’ Frar, 1999, fil-ghodu, fil-fond numru 373, Main Street, Mosta , sar hati ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna ossia lill-ohtu Maria Buhagiar jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt; b’dan, li d-delitt sar minnu filwaqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista’ jqis l-eghmil tieghu, u dana skond l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Francis Buhagiar hati talli fl-istess jum , hin u lok , fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu, w dana skond it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Francis Buhagiar hati talli f’xi zmien matul is-sena elf disa mija erba w disghin (1994) u sas-16 ta’ Frar, 1999, fil-Mosta , minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija , zamm f’ xi fond arma tan-nar jew munizzjon, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att ta’ l-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Francis Buhagiar hati talli fis-16 ta’ Frar, 1999 , fil-Mosta , xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu armi tan-nar u munizzjon li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dana skond ir-Raba’ Kap tal-Att ta’ l-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Francis Buhagiar hati talli fil-Mosta , fis-16 ta’ Frar, 1999 u fis-snin ta’ qabel ,xjentement laqa’ ghandu, zamm, jew heba, jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu

milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija ppprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oggetti li jkunu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta' depozt tal-Gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn ikunu gew iddepozitati, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza;

Rat ic-certifikat mediku esebit mid-Difiza bil-kunsens tal-Prosekuzzjoni waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru, 2003.

Semghet ix-xhieda ta' l-Psikjatra Dr. Joseph Cassar u ta' Dun Edgar Vella ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri w tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reat ta' omicidju volontarju hija dik ta' ghomor il-habs, f' dan il-kaz l-Avukat Generali nnifsu ,fl-Ewwel Kap tal-Att tal-akkuza ikkonceda li, meta ghamel id-delitt, il-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi , minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt , ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu w ghalhekk kien talab piena massima ta' prigunerija ta' mhux aktar minn ghoxrin sena .

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-31 t' Ottubru, 2003 , fejn iddikjara li **fl-eventwalita' biss ta' ammissjoni da parti tal-akkuzat tal-akkuzi kollha migjuba kontrieh,** l-Prosekuzzjoni qed tippretendi li l-piena karcerarja m'ghandix tkun aktar minn ghaxar snin prigunerija biz-zieda tal-pieni pekunjarji fejn dawn huma tassattivi skond il-ligijiet specjali applikabbli ghar-reati dedotti fid-diversi kapi tal-att ta' akkuza premess.

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u **BLACKSTONE'S**

**CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.);

Qieset pero' li ghalkemm f'dan il-kaz fil-fatt saret ammissjoni , din ma tistax titqies ghal kollox bhala ammissjoni bikrija ghaliex saret biss wara aktar minn tlitt snin u nofs li l-akkuzat kien gie notifikat bl-att tal-akkuza w li fid-diversi udjenzi quddiem din il-Qorti kif u diversament preseduta, qatt ma kien inghata hjiel li ser ikun hemm ammissjoni , bir-rizultat li l-hati - li hu ta' eta' ferm avvanzata - baqa' jgawdi il-liberta' provizorja ghal zmien twil fil-frattemp , meta invece, kieku indika li ried jammetti, seta' jigi processat u sentenzjat ferm u ferm qabel illum. Fl-istess waqt il-Qorti qieset u fehmet id-diffikultajiet li setghet kienet qed taffaccja d-difiza tieghu biex setghet tittiehed decizjoni fir-rigward , tenut kont tal-istat tal-fakultajiet konjittivi u tal-"personality disorder" li jsofri minnhom il-hati w li setghu wasslu biex din id-decizjoni tigi posposta ghal daqstant zmien. B'dana kollu apparti l-fattur taz-zmien , sar hafna xoghol inutili biex jigu mharrka xhieda w biex jidhru w jigu ezentati gurati ghall-udjenza tat-3 ta' Novembru, 2003, apparti inkonvenjenti ohra ghall-amministrazzjoni tal-Qrati biex thassar "bookings" ta' lukanda w facilitajiet ohra ghall-gurati li jkunu lahqu saru u biex terga tavvza lill-gurati biex ma jidhrux .

Qieset bir-reqqa dak li xehed il-psikjarta Dr. Joseph Cassar li fil-waqt li kkonferma c-certifikat esebit waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru, 2003, qal li ghalkemm il-kondizzjoni mentali tal-hati ma taqax taht genn , turi sinjali ta' "personality disorder" konsistenti f' paranoia u agir impulsiv u li hu ta' "low average" u "border intelligence" u li, ghalkemm kien sejjer ahjar bil-medicini li kien qed jiehu , f'mumenti ta' "stress" juri sintomi ta' paranoia w impulsivita' . Qal ukoll li l-hati spiss jara d-dinja b'mod differenti minn nies ohra u jahseb hazin fin-nies . Qal ukoll li din hi kundizzjoni li l-hati twieled biha u li ma hemmx kura ghaliha .

Qieset dak li xehed Dun Edgar Vella li l-hati , li jigi kugin tal-mama' tieghu , u li hu ilu jafu minn meta kien zghir, hu ragel biezel, bil-ghaqal , jghin fil-gbir tal-Knisja, jaghmel

xoghol volontarju , jiehu sehem fil-pucissjonijiet tal-parocca w li jghin lill-kullhadd ;

Qieset dak kollu li qalet id-difiza fil-kors tat-trattazzjoni , inkluz u senjatament , in-natura mhux tas-soltu ta' dan il-kaz, fejn wara snin twal jghixu flimkien f'mument wiehed tigri tragedja bejn zewgt ahwa ; li l-hati ma kienx ta' xi karattru refrattarju ,li l-hati fiz-zmien tar-reat kien ibati minn depression bhala rizultat ta' operazzjoni ta' circumcizzjoni li kien ghamel u li kien qed jiehu xi pilloli kif ukoll l-vittma kienet ghajjritu bil-mankamenti li ghandu w li kienet qed theddu li ser tmur tghix ma xi qarib iehor taghha,li l-hati kien iddispjacih ghal dak li ghamel u kien izur il-qabar t'ohtu u jqieghed il-fjuri fuq qabarha ta' spiss , kif ukoll kull sottomissjoni ohra . Qieset pero' li d-difiza f'ebda stadju ma ssolevat formalment l-eccezzjoni tad-demenza , lanqas meta dan il-punt issemma mill-Qorti.

Qieset u ezaminat is-sentenzi li gew indikati lilha mid-Difiza w mill-Prosekuzzjoni w senjatament **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Salvatore sive Salvu Farrugia**" [App. Krim. (kolleggjali) 5.4.2001] **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Francis sive Cikku Farrugia**" [App. Krim. (kollegjali) 30.10.2003]; **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Duminku Briffa**" [App. Krim. (kollegjali) 16.10.03] u **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Grazio Gerada**" ,[Qorti Krim. 30.6.1997] ghall-fini ta' uniformita' fis-sentenzi fil-kaz ta' reati simili ; ghalkemm il-fattispecji li wasslu biex l-hatja jinghataw il-beneficcju tal-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh u passjoni istantanja ma humiex identici ghall-kaz in dizamina .

Qieset ukoll l-eta' ferm avvanzata w l-kondotta pratikament incensurata tal-hati kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi ;

Qieset li ir-reati ammessi fit-tieni w t-tielet kapi, ghall-fini ta' piena, ghandhom jitqiesu bhala li servew bhala mezz biex seta' jsir ir-reat ammess taht l-ewwel kap u ghalhekk ghandhom jigu assorbiti fih skond l-art. 17 (h) tal-Kap.9 .

Mill-banda l-ohra qieset ukoll dak li issottometta l-abbli prosekutur , u cioe' li f' dan il-kaz l-Avukat Generali kien diga refa' l-piz li jikkoncedi l-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh u ta' passjoni istantanja lill-hati kif ukoll li ddikjara li – f'kaz ta' ammissjoni - ma kienx qed jippretendi piena ta' aktar minn ghaxar snin prigunerija w dana biex tinzamm certa uniformita' u skond il-poter li tatih il-ligi . Fl-istess hin ried jinzamm bilanc bejn l-interessi tal-hati w dawk tal-vittma w s-socjeta' in generali .

Qieset li skond l-artikolu 228 (2) tal-Kodici Kriminali ,ghalkemm il-piena ghall-omicidju volontarju bl-iskuzanti attribwita lill-hati mill-Avukat Generali, skond il-ligi kif kienet qabel l-emendi ghall-Kodici Kriminali introdotti bl-Att III tas-sena 2002 , hija ghal zmien sa ghoxrin sena w bla minimu , f'dan il-kaz partikolari l-Avukat Generali stess qed jghid li l-piena karcerarja ma ghandix tkun ta' aktar minn ghaxar snin stante l-ammissjoni ;

Qieset pero' ukoll il-gravita' w l-konsegwenzi tar-reat li bih tnehhiet hajja umana u dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza "Bancroft" (1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kaz fuq imsemmi **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis sive Cikku Farrugia" ;**

**"…notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control , there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for . That must be the justification for passing a sentence of imprisonment , to recognise that there is still left some degree of culpability…" (ara Jeremy Horder : "Provocation and Responsibility" (OUP , 1992 p.120)**

Rat l-artikoli 17, 23, 211, 227 (c), 228 (2),(kif kien fiz-zmien il-kommissjoni tar-reat) , 596 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 3 (1), 19, 26 u 27 tal-Kap. 66, l-artikoli 62 (f), 60 (a)(b)(c)(k), 77 u 87 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, w l-artikoli 80 u 81 tal-Att XXIII tal-1998;

Tikkundanna lill-hati Francis Buhagiar ghall-piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati,w dana ghar-reati li jaqghu taht l-ewwel , it-tieni w t-tielet kap tal-att tal-akkuza komplessivament stante l-assorbiment skond l-art. 17(h) tal-Kap.9, kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' mija w hamsa w sebghin lira Maltin u tlieta w tletin centezmu (LM175.33c) ghar-rigward tar-raba Kap tal-att tal-akkuza u , jekk din ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mil-lum , tigi awtomatikament konvertita f' hamsa w tletin (35) jum prigunerija ohra skond il-ligi; kif ukoll ghal-hlas ta' multa ta' mija w tminja w sittin lira Maltin u seba' w hamsin centezmu (LM168.57c) ghar-rigward tal-hames kap tal-att tal-akkuza, u , jekk din ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mil-lum , tigi awtomatikament konvertita fi tlieta w tletin (33) jum iehor prigunerija skond il-ligi. kif ukoll li jhallas is-somma ta' elf u hamsa w sittin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM 1065.32c), import tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u , jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ulterjuri ta' tlett xhur prigunerija skond il-ligi.

Fl-ahhar nett tordna il-konfiska tal-armi u munizzjon esebiti favur il-Gvern ta' Malta skond il-ligi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------